31982L0331

27.5.1982 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 148/47

# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI
## tas-6 ta' Mejju 1982
## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE dwar il-*marketing* tal-materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dwieli

(82/331/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta' April 1968 dwar it-tqegħid fis-suq tal-materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dwieli ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/692/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17a tagħha,

Billi d-Direttiva msemmija hawn fuq tistabbilixxi l-kondizzjonijiet li jirrigwardaw il-pakkeġġjar tal-materjal tal-propagazzjoni;

Billi d-dehra fis-suq tat-tipi l-ġodda tal-pakkeġġjar tippermetti r-rilassament tal-kondizzjonijiet imsemmija filwaqt li fl-istess ħin iżżomm il-garanziji meħtieġa ta' l-identità;

Billi l-kondizzjonijiet fil-kwistjoni għandhom għalhekk ikunu adattati għas-sitwazzjoni l-ġdida;

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti taż-Żrieragħ u l-Materjal tal-Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID- DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

Id-Direttiva 68/193/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Fil-punt 1 tat-tabella fl-Anness iii, għandu jiġi miżjud il-kliem li ġej:"jew, fejn jintużaw il-boroż tal-plastik tal-pakkeġġi ekwivalenti, 50 jew 100, filwaqt li jkun mifhum illi d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 10(1a) ma japplikawx għalihom".

2. Fil-punt 2 tat-tabella fl-Anness III, għandu jiġi mdaħħal il-kliem li ġej:
   "jew, fejn jintużaw il-boroż tal-plastik tal-pakkeġġi ekwivalenti, 100, filwaqt li jkun mifhum illi d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 10(1a) ma japplikawx għalihom".

*L-Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Lulju 1982. Għandhom jgħarrfu lill-Kummisjoni b'dan minnufih.

*L-Artikolu 3*

Din id- Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Mejju 1982.

*Għall-Kummissjoni*

Poul DALSAGER

*Membru tal- Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 93, tas-17.4.1968, p. 15.
([2]) ĠU L 236, tas-26.8.1978, p. 13.